**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 54 – IT-TNEJN, 12 TA' OTTUBRU 2015 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skuzati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 53

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-Minuti 53

2.1 Rigward paragrafu 3.1, is-Sur Dominic Cassar tkellem rigward ix-xogħol tal-kuntrattur tal-ġonna. Hu mhux kuntent b'dan. Il-Kunsilliera presenti qablu fuq dan.

2.2 Rigward paragrafu 4.1, is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta minn Palazza Falson. Għandha tintbagħat reminder.

2.3 Rigward paragrafu 6.2.3, il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Tony C Cutajar ippreżenta l-kotba tiegħu lill-Kunsill fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsillier responsabbli fost oħrajn.

2.4 Rigward paragrafu 6.3.2, il-Kunsill tkellem fuq din il-problema tal-boroż tal-iskart u ħmieg tal-klieb. Ġie deċiż li titneħħa l-ħamrija u jingħata wiċċ tal-konkos u jitħalla konki madwar is-siġar. Ġie deċiż ukoll li tintbagħat ittra lir-residenti fil-viċinanzi biex tfakkar li l-boroż tal-iskart irid jitħalla filgħodu u wara l-bieb ta' barra u nfakkruhom li jistgħu jeħlu multa jekk huma jarmu l-iskart mod illegali.

2.5 Rigward paragrafu 6.3.3, is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hemm problema fuq il-bozza taż-zebra crossing ta' Triq Bellavista.

**3 Pagamenti Numru 46**

3.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu. Ġew approvati wkoll pagament ta' 80 Ewro lil AKL għal żewġ kunsilliera li ser jattendu għal-laqgħa preliminarja u ieħor ta' 300 Ewro għal fire engine ta' żmien il-festa.

**4 Korrispondenza**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward proposta tal-GreenPak biex il-Kunsill jibda jaċċetta ħwejjeg użati. Ġie deċiż li din il-proposta tiġi aċċetta u jsir aktar kjarifika mal-GreenPak. Għandu jinxtara kontenitur tal-plastic għal dan u jitħalla fil-parapett tal-Kunsill biex ikun aċċessibbli għal kulħadd.

4.2 Ġiet innutata ittra mis-Sur Colombo rigward parkeġġ riżervat għat-Tribunal fi Triq San Mikiel. Dan il-parkeġġ qiegħed quddiem garage tiegħu. Għandha ssir verifika biex tiġi stabbilita jekk dan il-garage jintużax għall-vetturi jew le.

4.3 Ġiet innutata korrispondenza minn LESA rigward proċeduri li ser jiġu addotati fis-sistema l-ġdida. Ġie innutat li ma ssemma xejn fuq it-10% Administration Fee li l-Kunsill jieħu fuq servizzi ta' ħlas ta' multi fil-Kunsill. Ġie deċiż li tintbagħat kjarifikazzjoni fuq din. Il-Kunsill innota ukoll li l-proċedura fuq tal-TMS ma nbidel xejn u kollox jibqa’ kif inhu. Il-Kunsill innota li minkejja ħafna laqgħat u diskussjonijiet, il-Kunsill xorta mhux ser jitħallas xejn biex iservi ta' front office u cash office għall-Kumpanija privata tal-Wardens. Ġie deċiż li l-Kunsill jieqaf jaċċetta dawn il-bookings mill-gimgħa d-dieħla u jiġu mgħarrfa LESA.

4.4 Ġiet innutata korrispondenza mill-Authorised Officer rigward kuntratt li jrid jagħmel l-Kunsill mad-Datatrak. Il-Kunsill ma aċċettax li jsir dan il-kuntratt qabel ma’ jitlob aktar informazzjoni.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward it-tender tal-ġbir ta' skart. Ġie innutat li l-Kuntrattur magħzul, Waste Collection Ltd, ma ġeddidx il-bid bond tiegħu għal dan it-tender. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġi eliminat dan il-kuntrattur u jintgħażel dak li kien it-tieni fuq ir-rapport tal-Perit Galea Cleaning Solution. Dan biex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lil kunsill li saru:

6.1.1 Protection bollards fi Triq San Ġużepp, quddiem ic-centru tad-dutrina Kien hemm qbil li dawn saru.

6.1.2 Talba biex teħel mera fi Triq il-Għargħur kantuniera ma' Sqaq il-Qasbi. Ma kienx hemm qbil li ssir.

6.1.3 Triq il-Bilbla hemm bżonn li jitneħħew is-siġar li hemm fuq il-bankina u qed tostakola l-access peress li qegħdin jagħmlu ħsara lill-propjetà privata. Din għandha tiġi diskussa fil-KAC.

6.1.4 Il-ħsara li qed issir fil-bankina fi Triq il-Kappella kantuniera ma' Vjal ir-Riħan. Ġie deciz li jitweħħal bollard.

6.1.5 Bankina fi Triq l-Ortolonoġija li għandha bżonn tiġi rranġata. Din għandha tiġi diskussa fil-KAC.

6.1.6 Is-siġar fl-iskola u dawk ħerġin għall-bankina biex jiġu miżbura. Għandha tintbagħat ittra lill-iskejjel.

6.1.7 Tkellem fuq ix-xogħol mhux sodisfaċenti li qed jagħmel il-ġardinar tal-Kunsill Dan jinkludi Qatt ma qed issir it-tisqija, Ghadu qatt ma saru is-soft areas u l-gonna jidnadfu nofs xoghol. Ġie deċiż li jinħarġu numru ta' default notices.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat bin-nuqqas ta' parteċipazzjoni hands on min-naħa tal-membri tal-KAC filwaqt li resqet l-ilment ta' diversi nies mil-kappara li anqas biss jafu li hemm kumitat amministrattiv ghal Kaappara

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru 2015 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |